# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 7 ta' Jannar, 2000 .

**Citazzjoni numru : 209/99G1 (PC)**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Muscat Marine Limited .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni, li permezz taghha, wara li s-socjeta' attrici ippremettiet :**

**Illi fuq talba tas-socjeta' konvenuta, kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 563078 (CN 306968) fil-fond Factory Unit H, Xewkija Industrial Estate, Xewkija, Ghawdex u dana skond ma jirrizulta mill-annessi Dokumenti A, u cioe' kopja fotostatika awtentikatat tas-"service agreement" ezistenti bejn il-partijiet ;**

**Illi skond l-istess "service agreement" is-socjeta' konvenuta kienet obbligat ruhha li thallas dawk it-tariffi li minn zmien ghal zmien jigu stabbiliti mis-socjeta' attrici ;**

**Illi s-socjeta' konvenuta Muscat Marine Limited tinsab debitrici tas-socjeta' attrici Maltacom p.l.c. fis-somma ta' elfejn, mija u tnax-il lira maltin u disa' centezmi (LM2112.09) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta' installazzjoni, u servizz tal-linja tat-telefon u dana skond ma kif jirrizulta mill-annessi "statements" immarkati bhala Dokument B, Dokument C, Dokument D u Dokument E ;**

**Illi ghalkemm giet interpellata diversi drabi biex thallas anke permezz tal-ittri ufficjali, xorta wahda baqghet inadempjenti ;**
**Illi l-imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut u ma ghandhiex eccezzjonijiet x'iggib kontra d-domandi tal-istanti .**

**Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:**

**1. Tghaddi biex tiddecidi fuq it-talbiet attrici bid-dispensa mis-smiegh kif mahsub fl-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili a tenur tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur ;**

**2. Tikkunnaha thallas lis-socjeta' attrici fl-ammont ta' LM2112.09 (elfejn mija u tnax-il lira maltin u disa' centezmi) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta' installazzjoni, u servizz tal-linji tat-telefon u dana skond ma' kif jirrizulta mill-annessi "statements" immarkati bhala dokument B u dokument D ;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali u l-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta debitament ingunta ghas-subizzjoni.**

**Rat id-dokumenti esebiti, inkluz l-affidavit ta' Saviour Farrugia ghan-nom tas-socjeta' attrici .**

**Rat ir-riferta pozittiva tas-socjeta' konvenuta, kemm bic-citazzjoni, kif ukoll bl-appuntament ghas-smiegh ta' din il-kawza .**

**Innotat illi hadd ma deher ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, msejjha tlett darbiet, biex jikkontesta l-kawza fis-smiegh taghha llum .**

**Billi jirrizulta illi t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw konferma, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' LM2112.09 (elfejn mija u tnax-il lira maltin u disa' centezmi) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta' installazzjoni, u servizz tal-linji tat-telefon u dana skond ma' kif jirrizulta mill-annessi "statements" immarkati bhala dokument B u dokument D ; bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali u l-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta,**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S20999Pc
(430 words)